MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Numru 692/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**Versus**

**Paul Cassar**
**Jane Cassar**
**Adrian Cassar**
**Karl Anthony Agius**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Paul Cassar ta' 50 sena, iben Joseph u Antonia nee Abdilla, imwieled Ħaż-Żabbar fit-8 t'Ottubru 1955 u joqgħod fl-indirizz 'Fiorinelle', Triq Villabete, Ħaż-Żabbar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 704555 (M);

Giovanna sive Jane Cassar ta’ 47 sena, mart Paul, bint il-mejjet John u Carmen nee Portelli, imwielda tal-Pieta’ fis-6 ta’ Diċembru, 1958 u toqgħod fl-indirizz Fiorinelle’, Triq Villabete, Ħaż-Żabbar, detentriċi tal-karta tal-identita’ bin-numru 797958 (M);

Adrian Cassar ta’ 17-il sena, iben Paul u Jane nee Pisani, imwieled Ħaż-Żabbar fil-25 t’Awwissu 1988 u joqgħod fl-indirizz Fiorinelle’, Triq Villabete, Ħaż-Żabbar, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 392388 (M);

Karl Anthony Agius ta’ 16-il sena, iben Carmelo u Anna nee Buhagiar, imwieled l-Ingilterra fl-1 ta’ Diċembru 1988 u joqgħod fl-indirizz ‘Maple Farm’ Buskett Road, ir-Rabat, detentur tal-karfta tal-identita’ bin-numru 583088 (M)

Akkużati talli

Fi Triq il-Gardiel, Marsaskala, nahr it-8 ta’ Jannar, 2005 għall-ħabta tax’ xi l-10.30pm

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew lijqegħdu l-ħajja ta’ Elton Briffa minn Raħal Ġdid f’perikolu ċar, ħebbew għalih u tawh diversi daqqiet ta’ ponn u ta’ sieq fejn ikkaġunawlu ħsar fil-ġisem tiegħu skond ma ċċertifika Dr J Sammut MD miċ-ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid;

2. Mingħajr il-ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeċerċitaw jedd li jippretenddu li għandhom, ġiegħlu, bl-awtorita’ tagħhom infushom, lil xi ħadd iħallas dejn , jew jesegwixxi xi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklu lil xi ħadd fil-pussess ta’ ħwjeġu;

3. Bla ordni skond il-Liġi tal-awtorita’ kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lill-imsemmi Elton Briffa kontra l-volonta’ tiegħu.

**Lil Paul Cassar biss:**

Bil-ħsieb li taħgmel delitt u cioe' ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-imsemmi Elton Briffa, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabeix, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmi Elton Briffa jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-istess imputati Paul Cassar, Jane Cassar, Adrian Cassar kif ukoll lil Karl Anthony Agius b'obbligazzjoni tagħhom infushom taħt penali ta' soma ta' flus li tkun iffissata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid tal-erba' imputati li huma 7045 tal-1955, 7979 tal-1958, 3923 tal-1988, u 5830 tal-1988; il-fedini penal ital-erba' imputati, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 13, 19, 20, 21, 22, id-dikjarazzjoni tad-difiża li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ġġib il-provi dwar il-volontarjeta' tal-istqarrijiet, l-istqarrijiet tal-imptuati a fol 27 sa 41, il-current incident report a fol 74, et, u d-dok AC sett ritratti (a fol 93).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat.

Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fit-8 ta' Jannar 2005 il-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar kienet infurmata li kien hemm ġlieda fi Triq il-Gardiel Wied il-Għajn quddiem La Favorita Restaurant. (fol 23). Iżda ssejħu lura l-għassa ta' Ħaż-Żabbar minn WPC 210 Mangion li kien hemm argument fl-għassa stess bejn l-imputati u Elton Briffa. Paul Cassa kien qabad lil Elton Briffa minn ħdejn il-bank tar-eception, għallieh u qatgħu mill-art u tefgħu 'l ġewwa mir-reception desk.

Elton Briffa ttieħed iċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Raħal il-Ġdid u Dr.J. Sammut ċċertifika li kein qed ibati minn ġrieħi ħfief.

Dr Agius fil-Health Centre iċċertifika li Adrian Agius kien qed isofri minn scratch marks u xi ġrieħi oħra ħfief f'għajnejh. Il-ġrieħi fl-għajnejn kienu ċertifikati wkoll minn Dr.Mario Vella.

Elton Briffa kien allega li wara ġlieda li kienet inqalgħet fid-diskoteka Oblivion ġewwa Marsascala ħin minnhom inqalgħet ġlieda u huwa ħareġ 'il barra.

Hemm kien mitfugħ f'karozza Golf u kontra r-rieda tiegħu ttieħed l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar. Min kien fil-karozza sfurzah jagħti l-mobile tiegħu tl-għamla Samsung D800 bin-numru 79091381. (fol.25).

L-Istqarrija ta' Karl Anthony Agius.

Karl Anthony Agius stqarr li meta ra li ien ser jinqala' l-inkwiet huwa telaq 'l hemm għalkemm leħaq intlaqat sbrixx fuq wiċċu minn ġuvni. Imbagħad ra lil sieħbu Adrian Cassar mixħut mal-art bi grupp ta' żgħażagħ ituh bil-ponn f'wiċċu. Elton Briffa kiren wieħed mill-klikka li sawtu lil Adrian Cassar.

Adrian Cassar ċempel lil missieru Paul Cassar li ġie fuq il-post. Dan kien qed iżomm lil Elton Briffa u l-imputat u Adrian Cassar qalu lil Paul Cassar li Elton Briffa kien wieħed milli sawwathom. Huwa rikeb fil-karozza ta' Paul Cassar fejn kien hemm Elton Briffa li kien aċċetta li jitla' magħhom mingħajr eżitazzjoni (fol 29) Huwa nnega li kien sawwat lil Elton Briffa. Innega wkoll li l-persuni l-oħra kienu sawtu lil Elton Briffa. Paul Cassar kien kaxkar lil Elton Briffa fl-għassa. Imbagħad qabdu minn spalltu u qabbżu minn fuq ir-reception desk.

L-Istqarrija ta' Paul Cassar.

Dan l-imputat qal li mar fuq il-post wara li rċieva telefonata. Ibnu Adrian kien qallu li mhux biss kienu ħadulu l-mobile iżda li kienu tawh xebgħa. Huwa kien mar

fuq persuna (Elton Briffa) u heżżu sabiex jgħidlu min kienu dawk li sawtu lil ibnu Adrian. Dan il-ġuvni tela' fil-akrozza u marru Ħaż-Żabbar. Malli daħlu l-għassa, ibnu qallu li Elton Briffa kien wieħed minn dawk li sawtuh. Elton Briffa ipprova jiżgiċċa mill-għassa u l-imputat qabad u tefgħu wara l-bank.

L-imputat innega li kien tefa' lil Elton Briffa mal-art u li tah bis-sieq. Huwa nnega wkoll li tefgħu fil-karozza u lit ah xi daqqa bil-minkeb. (fol 39).

L-Istqarrija ta' Jane Cassar.

Omm Adrian Cassar stqarret li huma kienu rċevew żewġ telefonati. Fuq mwessaġġ minnhom kien hem mil-kelma Elton. Meta wslu l-Oblivion sabu lit-tifel f'rokna. It-tifel kellu wiċċu u xofftejh minfuħin. Elton Briffa beda jinsisti li ma kienx hu li sawwat lil Adrian Cassar. Huwa qalilhom 'Imxi mmorru l-għassa għax mhux jien.'Elton kien ipprova jaħrab kemm Marsaskala kif ukoll fl-Għassa ta' Ħaż-Żabbar. I-rraġel taħgha kien qabdu u qabbżu l-bank.

Hija nnegat li Elton Briffa kien itteħed l-għassa kontra l-volonta' tiegħu. Elton briffa kien beda kollox meta uriehom l-ID card.

L-Istqarrija ta' Adrian Cassar.

Dan qal li Elton Briffa kien ippoża ta' CID. Elton Briffa kien tah daqqa ta' ponn fuq xufftejh. Waqa' mal-art u kompla jaqla'. Persuan marret fuqu u tatu n-numru ta' Elton Briffa. Il-bouncer kien widdeb lill-imputat biex ma joħroġx barra għax kienu qed jistennewh fqu barra. Elton kien irrisponda l-mobile meta xi ħadd kien ċempillu. L-imputat qal li ma kienx ċert li kien Elton Briffa li ħebb għalih iżda kein am' dawk li ħebbew għalih. Meta waslu l-għassa, Elton Briffa ipprova jiżgiċċa. Huwa nnega li missiru kien ta bil-ponn lil Elton Briffa. Fil-karozza huwa beda jżomm lil Elton Briffa biex ma jaħrabx.

Elton Briffa xehed li kienkien ħareġ raġel (Paul Cassar) minn VW Golf JAN 009 u beda jagħtih bil-ponn ġo wiċċu.

Kien tefgħu mal-art u beda jixxuttjah. Il-mara ta’ Paul Cassar bdiet tgħajru ‘Assassin’. Paul Cassar kien sabbtu fil-karozza. Adrian Cassar kien ħalu l-mobile iżda reġgħu tawhulu xi sitta jew seba’ xhur wara. Jane Cassar bdiet tigirfu u Paul Cassr tah daqqa bil-minkeb. Meta waslu l-għassa kien kaxkru mal-għassa kollha u ġewwa tefgħu wara l-bank. Kien xi ħadd ieħor li sawwat lil Adrian Cassar u kien weħel ix-xhud għax kien liebes flokk aħmar. Kellu ġrieħi f’għonqu, f’wiċċu u fuq xufftejh.

Wayne Briffa qal li kien ra lil ħuġ Elton qiegħed ġo Golf (fol 59) u din telqet. Dak il-ħin ma kienx jaf ta’ min kienet il-Golf. Kien hemm tliet persuni fuq wara u Elton Briffa kien fin-nofs. Huwa qal li ma kienx ta każ tal-ġlieda li kienet għaddejja barra mill-Oblivion għaliex hu ma kellux x’jaqsam magħha. Huma kienu ħarġu mill-Oblivion għax wieħed minn sħabhom kien ma jiflaħx.

Xehdet ukoll WPC Tanya Mangion. Hija kienet baqgħet weħidha fl-għassa. Paul Cassar kien refa’ lil Elton Briffa u tefgħu wara l-bank. Elton Briffa qam waħdu dak il-ħin. Hija kienet innutat li Elton Briffa kellu xi grif f’għonqu u Adrian Cassar kellu għajnejh minfuħa.

Xehed PS 1330 Alexander Schembri li kkonferma l-Current Incident Report. Jane Cassar kienet qalet lil Paul Cassar li Elton Briffa kien qalilha biex jirkeb magħghom biex jitlaq minn fuq ix-xnea tal-ġlieda. Huwa kien lest jgħidlhom min kien sawwat lil Adrian Cassar. Adrian Cassar kien ippreżenta ċertifikat mediku.

It-tabiba Dr Josianne Sammut ma kenitx intraċċjata għax kienet siefret għal kollox l-Ingilterra.

**Xhieda Difiża**

Xehed Adrian Cassar li kkonferma li Elton Briffa kien tah daqqa fuq għajnejh. Huwa kien storda u waqa’ għarkobbtejh u dabbar daqqtejn oħra li fetħulu xufftejh. Karl Agius kien għenu u kienet ġiet persuna li kienet indikat min kien dak li aggredixxa lill-imputat. Kien ċempel lil missieru u għarrfu li kien qala’ xebgħa. Lil missieru kien

qallu li kellu n-numru tal-mobile tal-persuna li kienet tat xebgħa lill-imputat. Malli missieru kien uża n-numru Elton Briffa baqa' jħares lejn in-numru u ma rrispondiex. Imbagħad telqu jiġru. Missieru kien mar wara Elton Briffa u qabdu. Huwa kien ċert min kien tah id-daqqa iżda lil missieru qallu li ma kienx ċert. Elton Briffa kien qalilhom li mhux hu li kein sawtu lil Adrian Cassar u talbhom biex joħorġu minn Marsaskala. Ħadd ma uża forza sabiex daħal fil-karozza. Elton Briffa ipprova jaħrab mill-għassa u missier ix-xhud kien refgħu minn fuq il-bank. Huwa kien mar l-ewwel il-poliklinika li rreferewh l-Isptar għax għajnejn ix-xhud kienet diġa' maħgluqa.
Huwa esibixxa erba' ritratti li kienet ħadithom ommu l-għada tl-inċident. (fol 91). (Ara fol 115)

Xehed ukoll Karl Anthony Agius li kkonferma li kien mar wieħed fuqhom jagħmilha ta' CID li qabad jagħtihom speċjalment lil Adrian Cassar. Għamlu tliet minuti jagħtuh il-ħin kollu. Huwa kien għaraf lil Elton Briffa bħala wieħed mill-protagonisti li beda jagħti lil Adrian Cassar. Huma kienu staqsew lil Elton Briffa riedx jitla' maħghom l-għassa u Elton Briffa kien wieġeb fl-affermattiv. Missier Adrian Cassar kien refa' lil Elton Briffa minn fuq il-bank.

Xehed ukoll l-imputat Paul Cassar li qal li kien irċieva telefoanta minn għand it-tifel. Huwa kien mar fuq il-post u ġera wara Elton Briffa u qabdu. Elton Briffa nnega li kien sawwat lil Adrian Cassar u semma żewġ ismijiet oħra. Elton Briffa kien qallu li jekk jieħdu minn Wied il-Għajn kien jgħidlu eżatt x'ġara. Elton Briffa daħal fil-karozza minn jeddu. Fl-għassa huwa kien refa' lil Elton Briffa u imbuttah għal fejn il-bank.

Xehdet ukoll Jane Cassar li qalet li meta waslu Marsaskala kienu ċemplu t-telefon u Elton Briffa ma kienx irrispondiha. Qata', qam u kulħadd telaq jiġri. Elton Briffa beda jgħid li ma keinx hu u qalilhom beix itellgħuh l-għassa. Fit-triq beda jsemmi żewġ persuni oħra. Hija kkonfermat li r-raġel tagħha kien qabbżu l-bank tal-għassa.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel imputazzjoni**

Dwar il-ġrieħi li sofra Elton Briffa hemm referenza fil-current incident report li l-Pulizija stess keinu aħduh il-Poliklinika fejn dan kien eżaminat minn Dr.J.Sammut li ċċertifika li kien qed isofri minn grif fil-wiċċ u fuq l-għonq u beda jilmenta minn uġigħ fid-dar. (fol 77).Dawn il-ġrieħi kienu ċertifikati bħala ħfief. (fol 77).

It-tabiba li kienet eżaminat lill-allegat vittma leħqet siefret.

Għalhekk il-prova ta' dawn il-ġrieħi huwa l-current incident report, dak li ddeskriviet WPC Tanya Mangion a fol 68 u dak li ddeskriva l-allegat vittma stess.

Ix-xhieda ta' tabib mhix indispensabbli biex ikun hemm il-prova tal-ġrieħi kif diġa' ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Li ġie stabbilit huwa li l-allegat vittma kellu ġrieħi ħfief.

Huwa għaraf li ien Paul Cassar li tah id-daqqa ġo wiċċu (fol.48) u li kienu qabbżu l-bank tal-pulizija. Kienet il-mara ta' Paul Cassar li girfitu. (fol 52).

Dwar li kien l-imputat Paul Cassar li qabbeż lil Elton Briffa l-bank tal-Pulizija hemm mdiversi xhieda li kollha jikkonfermaw dan il-fatt. L-imputat Paul Cassar ipprova jimminimizza x'tassew għamel iżda ix-xhieda ta WPC Tanya Mangion ma tħlli ebda dubju dwar x'effettivament għamel dan l-imputat.
**Għalhekk dwar l-ewwel imputazzjoni la ssemma Adrian Cassar u lanqas Karl Anthony Agius.**

**Il-Qorti qed tikkonkludi li kienu Paul Cassar u Giovanna sive Jane Cassar li aggredew lill-imputat u li kkaġunaw il-feriti ħfief li sofra Elton Briffa u qed issibhom ħatja ai termini tal-artikolu 221(3)(b) tal-Kap 9.**

L-abbli difensur tal-imputati ssottometta li meta l-ġenituri raw l-istat ta' binhom Adrian Cassar huma bilfors kellhom jirreaġixxu.

Skond il-Kap 9, hemm skużanti skond l-artikolu 230(ċ) u 232(ċ) tal-Kap 9 jekk l-offiża tkun provokata minnn kwalunkwe reat kontra l-persuna. Iżda din l-offiża ma saritx minn Adrian Cassar – l-allegat vittma ta' Elton Briffa – iżda minn ommu u missieru. Għaldaqstant din l-iskużanti ma tapplikax fil-każ ta' Paul Cassar u Giovanna sive Jane Cassar.

**It-tieni Imputazzjoni**

Il-Prosekuzzjoni hawn qed tirreferi għall-allegazzjoni magħmula minn Elton Briffa li l-imputat Adrian Cassar kien ħadlu l-mobile. (Ara fol 50). Dan ingħatalu lura xi sitta jew seba' xhur wara. Iżda ma nġiebet ebda prova dwar l-imputati l-oħra dwar it-teħid ta' dan il-mobile. Dan il-mobile tawhulu wara ċertu ħin (ara fol 51) Dwar dan il-punt hemm nuqqas ta' konsistenza fit-termini taż-żmien indikati minn Elton Briffa. Jekk dan it-teħid kien għal ftit ħin, allura m'hemmx ċar biżżejjed l-element intenzjonali meħtieġ minn dan ir-reat. Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap 9, qed tillibera lill-imputati kollha, inkluż Adrian Cassar minn din l-imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni**

It-tielet imputazzjoni hija dwar l-arrest illegali ta' Elton Briffa. Fattwalment hemm konflitt tal-provi. Elton Briffa jallega li hwua kien imsabbat fil-karozza u li mhux tassew li daħal minn rajh. Min-naħa l-oħra diversi xhieda, fosthom Jane Cassar, sostnew li kien Elton Briffa stess li talabhom jeħduh minn fuq il-post u li huwa daħal fil-karozza minn jeddu. Ix-xhieda ta' Wayne Briffa ma titfa' ebda dawl. Żgur pero' li qabel ma ddaħħal fil-karozza Elton Briffa kien diġa' qala' xi daqqtejn (ara fol 50). Il-Qorti nnutat li l-imputat kien fuq in-naħa ta' wara bejn tnejn min-nies li bdew iżommuh minn għonqu.

Waqt li la-rtikolu 86 jirreprimi l-arrest illegali, skond l-emendi tas-sena 2003, b'referenza partikolari għall-artikolu 355W, persuna li mhix uffiċjal tal-Pulziija tistga' tarresta mingħajr warrant kwalunkwe persuna lit kun għadha kif wettqet xi reat li għandu x'jaqsma ma' offiża ta' bodily ahrm.

It-tieni subinċiż jgħid li jekk wieħed jaġixxi skond m'hu permess huwa għandu jgħarraf mill-ewwel lill-Pulizija.

Mill-atti jirriżulta li Adrian Cassar sofra ġrieħi fuq wiċċu u li dawn, skond Adrian Cassar, kienu saru minn Elton Briffa nnifsu. Għalhekk jidher li l-għemil tal-imputati jew min minnhom huwa wieħed permess mil-liġi taħt l-artikolu 355W tal-Kap 9.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputati kollha mit-tielet imputazzjoni.**

**Ir-raba' Imputazzjoni – Kontra Paul Cassar biss.**

Din l-imputazzjoni hija dwar attentat ta' ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Elton Briffa.

Fil-fehma tal-Qorti, Paul Cassar mar oltre l-limiti meta qabbeż lil Elton Briffa l-bank tal-Pulizija li fih għoli ta' xi erba' piedi. Bl-ebda mod ma kien ġustifikat li jieħu l-Liġi f'idejh meta diġa' kien ġewwa l-għassa u l-identita' tal-allegat aggressur ta' ibnu kienet magħrufa. Il-konsegwenzi setgħu kienu serji tant li Elton Briffa ġie wiċċu mal-ħajt. Il-fatt li qam waħdu dak il-ħin ma jfissirx li l-konsegwnezi ta' ferita gravi ma kinux hemm.

Bir-rispett kollu ma hemm ebda skużanti għal din l-imġiba tal-imputat Paul Cassar. Anzi hija sfida lill-forzi tal-ordni jew ta' kif għandu jitmexxa l-ordni f'pajjiż fejn teżisti r-rule of law.

**Għalhekkil-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(b) tal-Kap 9 issib lill-imputat Paul Cassar ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 221 (3)(b), 85, 86 u 55W tal-Kap 9 u, fil-konfront ta' Paul Cassar waħdu, l-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(b) tal-Kap 9 (flimkien ma' dawk li diġa' saret referenza għalihom) qed:**

**(a) tillibera lill-imputat Karl Anthony Agius u Adrian Agius mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom;**

**(b) qed issib lil Giovanna sive Jane Cassar ħatja tal-ewwel imputazzjoni u qed tikkundannha tħallas amenda ta' €58.25;**

**(ċ) qed issib lil Paul Cassar ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni dedotti kontrih u tikkundannah iħallas amenda ta' €58.25 fuq l-ewwel imputazzjoni waqt li għar-raba' imputazzjoni dedotta kontrih tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien 14 il- xahar mil-lum.**

**Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem sempliċi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------